*Kliem bħal dan ta' Dr. Ronald G. Sultana, lecturer tas-Soċjoloġija ta' l-Edukazzjoni fl-Università, fih ħafna x'tomgħod... Għalhekk qegħdin nippreżentawh lill-qarrejja.*

# 'IL FEJN MIEXJA IS-SOĊJETÀ MALTIJA?

Li tħares lejn il-futur jitlob eżerċizzju ta' natura soġġettiva u spekulattiva. Min-naħa l-waħda jeħtieġ li ninterpreta dak li qed jiġri f'Malta u nagħmel sens mill-biżibilju ta' attivitajiet fuq il-livelli diversi ta' ekonomija, politika u kultura, u min-naħa l-oħra jeħtieġ li nipproġetta 'l quddiem, lejn fejn dawn il-movimenti kollha se joħduna. Irrid għalhekk nistqarr mill-ewwel il-limitazzjoni prinċipali ta' dak li se nikteb: kull interpretazzjoni, saħansitra deskrizzjoni, hija soġġettiva. Fi kliem ieħor dak kollu li se nargumenta hu influwenzat mill-iskala ta' valuri tiegħi u mill-ideoloġija politika tiegħi. Illum fix-xjenzi soċjali tista' tgħid kulħadd mar 'l hemm mill-fantasija pożittivista ta' l-"oġġettività" u naċċettaw li ħadd ma jista' fil-fatt iwarrab in-nuċċali li l-ilwien tiegħu se jinfluwenzaw mhux biss il-mod kif naraw imma saħansitra dak li naraw. L-aktar ħaġa sinċiera li wieħed jista' jagħmel hi li jistqarr mill-bidu l-orizzonti tal-preġudizzju tiegħu biex, kif jargumenta Gadamer, nikkonfrontaw lil xulxin b'mod li kemm intom bħala qarrejja kif ukoll jien inwessgħu l-ftehim tas-suġġett quddiemna.

Hu għalhekk f'postu li nistqarr mill-ewwel illi l-lenti analitika tiegħi hi waħda li tagħti preċedenza lill-ekonomija bħala fattur – jekk mhux determinanti – żgur mill-aktar influwenti biex tifhem u tispjega dak li qed jiġri f'Malta llum u fejn dan se jwassalna. Il-preċedenza lill-ekonomija tiġbor magħha wkoll il-konvinzjoni li mod leġittimu biex tagħmel sens mill-biżibilju ta' attivitajiet fid-dinja empirika li naraw madwarna hu li torganizza dan kollu fid-dawl ta' analisi ta' poter.

Fi kliem ieħor, għal raġunijiet kemm ideoloġiċi kif ukoll minħabba l-iskala tal-valuri tiegħi, it-triq li nitlobkom timxu miegħi hi waħda li twassalna ftit għall-qofol tal-poter f'Malta, poter ekonomiku li jimmanifesta ruħu f'diversi oqsma tal-ħajja bħalma huma l-politika u l-kultura. L-ewwel pass

f'din il-mixja hu wieħed ġeneriku: jiġifieri ħarsa ħafifa ħafifa lejn xi sinjali ta' żminijietna li, fl-opinjoni tiegħi, huma importanti għax iwassluna għall-enerġija dinamika aktar ċentrali li qed issawwar is-soċjetà kontemporanja u futura ta' Malta.

## Ħarsa Ġenerika

Ngħaddu mela l-ewwel għall-ħarsa ġenerika. Xi jgħidu l-istudji empiriċi u xi tgħid l-istatistika fuq is-soċjetà li qed tinbena f'Malta llum?

1. L-ewwelnett jidher ċar li **hi soċjetà ġeografikament dinamika.** Hemm ħafna koppji li qed jitilqu raħal twelidhom biex jidħlu fil-*housing estates* tal-Gvern fi rħula oħra. Il-*Pjan ta' Struttura* jgħidilna, per eżempju, li 10% tad-djar kollha f'Malta huma fil-fatt "social housing" imtella' bil-fondi tal-Gvern. Din il-mobilità ġeografika qed tkompli tnaqqi mill-irbit soċjali li wieħed kien tradizzjonalment isib fl-irħula u l-bliet Maltin. F'artiklu reċenti, l-antropoloġista Boissevain[1] jargumenta li raġuni importanti biex tispjega għaliex il-festi mhux naqsu – kif kien qal li se jiġrilhom – imma żiedu fil-popolarità tagħhom hu l-fatt li permezz tal-festi ħafna jippruvaw jerġgħu jistabilixxu, imqar għal mument wieħed, is-sens ta' komunità li kellhom qabel ma telqu joqogħdu band'oħra.

2. Parti essenzjali minn din il-mobilità ġeografika hija **l-invażjoni ta' spazju** li rajna matul dawn l-aħħar 25 sena. Dan ġab ħafna aktar nies flimkien f'kondizzjoni ta' kompetizzjoni għal riżorsi skarsi. Irridu nżommu f'moħħna l-fatt demografiku li l-popolazzjoni ta' Malta aktarx tiżdied bi 11% (355,000 – 394,000) sas-sena 2000. Il-ġlieda għar-riżorsi bħall-art, edukazzjoni, spazju għal rikreazzjoni,. eċċ. għalhekk se tiżdied mhux tonqos, u dawn il-kondizzjonijiet huma l-materja prima ta' aggressività u individwaliżmu kompetittiv li diġà jikkaratterizzaw lill-Maltin.

3. Huwa ċar ħafna wkoll illi element soċjali ieħor ta' importanza ewlenija huwa **l-emanċipazzjoni tal-mara** mir-rwol li tradizzjonalment ġie impost fuqha u li għal ħafna żmien huma aċċettaw. Fil-waqt li f'Malta għad ma għandniex movimenti feministi ta' natura militanti, l-ideoloġija ta' ugwaljanza bejn is-sessi qiegħda, aktar ma jmur, aktar tinħass. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja formali tax-xogħol qed tiżtied u għalkemm bħalissa tifforma 26% mil-*labour force* kollu – persentaġġ pjuttost ċkejken meta nqabbluh

1. *Journal of Mediterranean Studies*, Vol. 1, No. 1, 1991.

mal-49% tal-Komunità Ewropea – dan mistenni jiżdied. Infatti, in-numru ta' ħaddiema mistenni jiżdied bi 30,000 sas-sena 2010 – u ħafna minn dawn il-ħaddiema ġodda se jkunu nisa li tradizzjonalment kienu jagħżlu li jibqgħu d-dar jagħmlu xogħol bla ħlas u mhux rikonoxxut soċjalment biex imantnu l-familja. Jekk Malta hix se tkun kapaċi jew le toħloq daqstant postijiet tax-xogħol hi kwestjoni ta' importanza kbira. Il-qgħad f'Malta jista' għalhekk jieħu dimensjoni bħal dak li hemm fuq il-kontinent bħalissa. Irridu niftakru li Malta ma baqgħalhiex l-għażla li kellha qabel f'sitwazzjonijiet ta' qgħad: ftit li xejn hawn pajjiżi .llum lesti li jilqgħu l-emigranti.

4. Fatt demografiku ieħor ta' min jikkunsidrah għar-riperkussjonijiet tiegħu fuq il-ħajja soċjali, kulturali, politika u ekonomika tal-pajjż hu li sas-sena 2010 se jkun hawn f'Malta **persentaġġ kbir ta' persuni 'l fuq mill-65**. Għas-soċjoloġista dan hu fattur importanti għax jindika l-probabbiltà ta' dominanza ta' ħsieb u ideoloġiji konservattivi. Huwa miż-żgħażagħ li wieħed normalment jistenna tiġdid u sfidi lejn l-ordni soċjali. L-anzjani ħafna drabi jkunu jridu jikkonservaw dak li bnew, kemm finanzjarjament kif ukoll kulturalment. Dan il-fatt demografiku b'riperkussjonijiet soċjali u politiċi qed iqajjem ħafna ħsieb fl-Ewropa. Ma ninsewx li Kurt Waldheim ma tellgħuhx iż-żgħażagħ Awstrijaċi. Il-mewġa ta' fundamentaliżmu u ta' *"new right thinking"* hija waħda li aktar ma jmur, aktar qed tiġbor forza fuq il-kontinent.

5. Fl-isfera tal-**familja** wieħed jistenna wkoll **tibdil sustanzjali leġislattiv**. Hu probabbli li l-apparat legalistiku Malti jkollu jaġġorna ruħu għal movimenti soċjali u kulturali li jkunu għaddewh. Minkejja illi l-abort, skond studju ta' Carmel Tabone,[2] hu aċċettat bħala leġittimu minn 31% ta' dawk li wieġbu l-kwestjonarju tiegħu, ma naħsibx li se jiġi legalizzat – li ma jfissirx illi l-Maltin ma jsibux toroq oħra. L-istorja se tkun differenti rigward id-divorzju. Is-sinjali huma ċari, fl-opinjoni tiegħi, illi dan ma jdumx ma jidher fl-aġenda tal-partiti politiċi l-kbar – ma ninsewx li diġà hu fuq l-aġenda ta' l-Alternattiva, u dawn ġibdu ħafna simpatija bl-awdaċità tagħhom li jittrattaw suġġett meqjus jaħraq.

6. Bla dubju ta' xejn fost l-elementi l-aktar importanti li qed u ser isawru l-formazzjoni soċjali

2. *The Secularization of the Family in Changing Malta*, Dominican Publications, 1987.

Maltija huma **l-għażliet ekonomiċi li qed nagħmlu**. Fost l-aktar influwenti huma

(1) it-tendenza lejn il-liberalizzazzjoni tas-suq Malti;

(2) it-tendenza lejn il-privatizzazzjoni; u

(3) is-sħubija mal-Komunità Ewropea, jekk u meta dan isseħħ. Naraw l-implikazzjonijiet ta' dawn l-għażliet politiċi u ekonomiċi għax iwassluna b'mod l-aktar dirett għall-element li fl-opinjoni tiegħi hu l-aktar interessanti mill-punt di vista soċjoloġiku: u hawn qed nirreferi għall-konsumeriżmu.

**Tendenzi ekonomiċi u politiċi li jwasslu għall-konsumeriżmu**

(a) Nibdew bit-tendenza għal-*liberalizzazzjoni tas-suq* Malti. Il-kelma "liberalizzazzjoni" fiha nfisha timplika xi ħaġa pożittiva. Per eżempju, ħafna naħseb li jaqblu li f'dawn l-aħħar snin kien hawn liberalizzazzjoni tas-suq tal-kelma, biex insejjaħlu hekk. Wieħed jista' jgħid b'aktar libertà dak li jrid mingħajr biża' ta' riperkussjoni negattiva. Min-naħa l-oħra, is-suq jista' tant jiġi mdamdam bi kliem li forsi wieħed jitlef is-sinjifikat tal-komunikazzjoni, u l-pluraliżmu fl-espressjoni jirriduċi ruħu għal li kulħadd igħid li jrid basta qal xi ħaġa. Meta niġu għas-suq finanzjarju, il-liberalizzazzjoni ġġib magħha problemi ta' natura simili. Ħaġa ovvja ħafna li s-swieq tagħna mtlew bi prodotti ta' konsum... qatt ma niftakar daqshekk diversità ta' ikel, ħwejjeġ, logħob. Inħolqu possibiltajiet ġodda biex ir-relazzjonijiet soċjali tagħna bejnietna jieħdu xejriet oħra, xejriet li normalment nassoċjawhom ma' soċjetà ta' konsum.

F'dal-kuntest irrid insemmi illi għal grupp importanti ta' persuni – dawk li fis-soċjoloġija nsejħulhom *"merchant capitalists"* li Malta dejjem kellhom poter qawwi, saħansitra matul il-perjodu kolonjali Ingliż – il-liberalizzazzjoni tas-suq u l-konsumeriżmu li dan ġab miegħu rrinforzaw il-pożizzjoni ta' poter tagħhom, u għalkemm qed ikollhom jissieltu bejniethom għal vantaġġ fis-suq, xorta waħda għandhom interessi komuni li jorbtuhom flimkien biex jiffurmaw klassi soċjali influwenti. Il-prodotti li dan il-grupp qed jipprovdu fis-suq jinħatfu mill-Maltin b'mod li, għal min jistudja l-formazzjoni soċjali ta' pajjiż, huwa tassew interessanti. Kif jargumenta kemm Weber, imma b'mod eċċellenti u reċenti Pierre Bourdieu,[3] aħna lkoll nużaw ir-riżorsi materjali u simboliċi li

jipprovdilna s-suq biex nidentifikaw ma' gruppi u niddistingwu ruħna minn oħrajn. Liema ħwejjeġ nilbsu u kif nilbsuhom, x'nieklu, kif u fejn nieklu, fejn u kif nirrikreaw ruħna, huma kollha attivitajiet li permezz tagħhom niddefinixxu min u fejn aħna fis-soċjetà, u fejn nixtiequ nkunu. Permezz ta' dawn l-attivitajiet u materjal simboliku li aħna nqarrbu jew inbiegħdu d-distanzi soċjali bejnietna.

L-argument tiegħi hu li l-proliferazzjoni ta' prodotti ta' konsum, l-aktar f'soċjetà ġeografikament żgħira li titfa' 'l kulħadd fuq xulxin, qed twassal għal stat li d-distinzjonijiet ta' klassi jikbru. Ma ninsewx illi riżultat tal-liberalizzazzjoni tas-suq hu mhux biss "wage spiralling" imma wkoll tiżdied ir-relattività bejn il-pagi għax dawn jiġu jiddependu ħafna aktar minn mekkaniżmi ta' "supply u demand" milli minn politika soċjali bbażata fuq valuri mhux teknokratiċi. Il-fatt li jien nista' nonfoq iżjed minnek ifisser li jien nista' nixtri prodotti oħra – mhux neċessarjament "aħjar" minn tiegħek imma li bħalissa fis-suq igawdu ċertu prestiġju – biex niddistingwi ruħi minnek. Dan nistgħu narawh anke fl-edukazzjoni. L-edukazzjoni f'sistema liberalizzata – fejn naraw proliferazzjoni ta' skejjel privati jikkompetu bejniethom u ma' dawk ta' l-istat – ħolqot sitwazzjoni fejn il-konsum ta' ċertifikati u ta' lezzjonijiet tal-privat isir għan kważi awtonomu fejn l-importanti hi d-distinzjoni li jien nista' jkolli fuq ħaddieħor. F'dan kollu, ovvjament, is-sens veru ta' l-edukazzjoni jintilef. L-edukazzjoni ssir mod simboliku ieħor biex jien nidher aħjar mill-oħrajn. Każ klassiku hu l-konsum tal-lezzjonijiet privati. Nafu, minn studju ta' Falzon u Busuttil,(4) illi 'l fuq minn 70% ta' l-istudenti fl-iskejjel primarji tal-Gvern imorru l-privat. In-numru hu akbar fis-sekondarji, fejn kważi 83% jattendu privatijiet.

Il-liberalizzazzjoni tas-suq u l-ġirja wara l-konsum toħloq mhux biss aktar firdiet materjali u kulturali bejn gruppi ta' nies, imma wkoll toħloq pressjoni biex wieħed jikkonsma dejjem aktar. U hawn nidħlu fiċ-ċirku vizzjuż li tant analizza tajjeb Marcuse u l-bqija tal-ħassieba fl-iskola ta' Frankfurt. Il-produzzjoni – u fil-każ tagħna, l-importazzjoni – immirata għall-konsum u mhux minħabba ħtiġiet veri joħolqu sitwazzjoni fejn il-

3. *Distinction: A Social Critique of the Judgement of Taste*, Cambridge, Mass: Harvard Univ. Press, 1982.
4. *Private Tuition in Malta*, B. Educ. Hons. dissertation, 1988.



*Il-Papa ġie u mar...*
*u l-valuri fejn qegħdin?*

bejjiegħ irid jipperswadi lill-klijent li ma jistax ikun ferħan jekk ma għandux jew ma għandhiex l-aħħar *"gadget"* jew l-aħħar *"look"*. U hekk naraw, kif fil-fatt qed naraw f'Malta, illi l-industrija tar-reklamar qed issir dejjem aktar sofistikata, u fejn min ma jasalx biex jixtri jkollu jissellef bil-*"hire purchase"*, inkella jisraq.

Hu interessanti li wieħed jinnota li bħalissa l-kwestjoni tas-serq qed issir waħda viżibbli ħafna, u ġie suġġerit f'editorjal ta' gazzetta illi dil-problema se tieħu dimensjoni politika. Min la għandu paga u lanqas irid jissellef jew jisraq jaħdem fit-tieni, it-tielet u anke r-raba' *"job"*. L-ekonomija informali hawn Malta hija kbira ħafna – E.P. Delia[5] jikkalkula li tammonta għal 10% tal-GDP. Fir-riċerka tiegħi fl-iskejjel tas-snajja' sibt li 'l fuq minn 55% tas-600 student\a involuti jaħdmu *part-time work* qabel is-sittax-il sena. 70% tas-subjien ta'" 15-il sena fil-fatt jaħdmu fis-sajf, jew matul iż-żmien ta' l-iskola, inkella kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa.

Interessanti li l-flus imorru fuq konsum ta' ħwejjeġ, sigaretti,

5. *The Task Ahead*, Confederation of Private Enterprise, 1987.

*make-up*, karrozzi u muturi. Numru sostanzjali minnhom, kważi 39% minn dawk li jaħdmu, jagħtu persentaġġ ta' flus li jaqilgħu lill-ġenituri tagħhom. Dal-fatt jindika jew li fil-fatt f'Malta għandna sitwazzjoni ta' *faqar assolut* fejn xi familji – u dawn m'humiex ftit – jinsabu tassew fil-bżonn, inkella li għandna sitwazzjoni ta' *faqar relattiv*, fejn minħabba l-kilba għall-konsum għal ħwejjeġ ta' kumdità xi familji jħossu l-ħtieġa għall-flus. Dan, ovvjament, għad-dannu tal-futur edukattiv u l-progress fil-ħajja tax-xogħol ta' wliedhom.

(b) Nagħtu issa daqqa ta' għajn ħafifa lejn it-tieni tendenza ekonomika li nnutajt, jiġifieri t-tendenza għall-*privatizzazzjoni*. Din ukoll qed ikollha ħafna riperkussjonijiet soċjali li wħud minnhom diġà semmejthom ftit qabel. Il-privatizzazzjoni – mhux biss ta' l-edukazzjoni imma issa wkoll tas-saħħa, per eżempju – fil-każ ta' Malta toħloq suq parallel għal dak ta' l-istat. Xi wħud isostnu li dan ikabbar l-possibiltà ta' għażla u fl-istess ħin iniggeż lill-istat biex joffri servizzi aħjar biex jibqa' kompetittiv. Il-problema hi fil-fatt illi gruppi, biex ma ngħidx klassijiet soċjali, li jistgħu finanzjarjament għandhom, aktar ma jmur, aktar possibiltà li jixtru vantaġġi u privileġġi li oħrajn ma għandhomx. Fi kliem ieħor, mhux biss dawn il-gruppi se jiddistingwu ruħhom, fis-sens Weberjan, minn oħrajn minħabba l-*patterns* ta' konsum tagħhom, imma wkoll se jkollhom *life-chances* aħjar. B'dan il-mod ukoll id-distinzjoni bejn il-klassijiet għad tibqa' tikber. Però dan mhux kollu.

L-esperjenza ta' politika ta' privatizzazzjoni f'pajjiżi oħra, jekk tittieħed sa ċertu livell, turina li drittijiet *jibdew isiru esklusivi* għal min jista' jħallas għall-istess dritt. Hekk ma jibqagħlekx dritt għall-kura ta' saħħtek, għall-edukazzjoni, għal post fejn tmidd rasek jekk ma tistax tħallas. F'soċjetà fejn il-kapital u l-konsum jieħdu prijorità, *person rights* ikollhom iċiedu posthom għal *property rights*. Ovvjament, m'iniex qed ngħid li Malta bilfors se jiġri hekk. F'ċerti aspetti qed naraw il-konsolidazzjoni, mhux it-tneħhija tal-*welfare state* u l-*welfare society*. Biss il-privatizzazzjoni fl-aħħar mill-aħħar, fil-loġika u d-dinamika tagħha stess, ma għandhiex interess illi soċjetà partikolari tinvesti fil-*welfare*, għax fl-aħħar mill-aħħar dan il-*welfare fund* jiġi mit-taxxi, l-għadu ta' min għandu l-kapital.

(c) L-aħħar fattur ekonomiku li nixtieq nikkunsidra, qabel ma niġbor flimkien it-truf ta' dak li argumentajt s'issa fil-konklużjoni tiegħi, hu l-possibiltà li *Malta tidħol formalment fil-Komunità Ekonomika ta' l-Ewropa*. Bla

dubju ta' xejn jekk dan iseħħ se jġib bidliet kbar f'pajjiżna. Iż-żewġ partiti l-kbar jaqblu fuq dal-fatt, għalkemm il-Partit Nazzjonalista jinsisti li din is-sħubija se ġġib ġid materjali u kulturali għal Malta, waqt li l-Partit Laburista, fiż-żewġ publikazzjonijiet tiegħu fuq is-suġġett, igħid li l-klassi tal-ħaddiema kif ukoll xi tipi ta' intrapriżi Maltin se jintlaqtu ħażin. Joħroġ ċar ukoll il-fatt li l-politika ta' newtralità u non-allinjament li s'issa ħaddnet Malta se jkollha tiġi abbandunata għax il-Komunità Ewropea tesiġi ko-operazzjoni mill-membri kollha rigward dik li hi politika ta' difiża u sigurtà. Riperkussjoni oħra ta' sħubija tista' tkun li Malta ssib ruħha bħala *third class member* f'organizzazzjoni li tħares l-aktar l-interessi tal-pajjiżi ll-kbar, għad-dannu ta' l-ekonomija u l-politika relattivament indipendenti tagħna.

Ovvjament iż-żmien għad jagħti parir dwar jekk dawn ir-riservi serji fuq is-sħubija humiex allarmanti jew reali. Li hu ċert hu illi Malta jkollha tgħaddi minn bidliet kbar ekonomiċi, soċjali, politiċi, u kulturali. Biżżejjed niftakru li l-politika preżenti fl-Ewropa hi waħda li tinkoraġixxi mobilità geografika ta' individwi u ta' intrapriżi – għalhekk l-invażjoni kulturali, per eżempju, fuq l-identità Maltija se tkompli, u ċertament mhux titnaqqas. F'ċertu sens dan diġà qed jinħass għax il-prodott ta' konsum kif ukoll il-kapital simboliku ta' preġju f'Malta kontemporanja huma Ewropej. Ir-relazzjoni bdiet minn ċerti inħawi. Fl-università, per eżempju, hemm għaddejja kampanja favur l-ilsien Malti u l-argument hu li l-poplu Malti qed jitlef saħansitra l-lingwa tiegħu. Fl-opinjoni tiegħi dil-kampanja hi xi ftit allarmista – anke fl-utilizzazzjoni tal-grafika li jużaw fil-*posters* tagħhom, per eżempju. Madankollu hi ta' interess soċjoloġiku għax turi biża' li l-identità Maltija qed tiġi kolonizzata. Ta' min jinnota wkoll li dal-biża' ta' *neo-kolonizzazzjoni* diġà qed isib eku politiku, bħal per eżempju fid-diskors tal-kap ta' l-oppożizzjoni għas-Sette Giugno ta' dis-sena.

## Konklużjoni

Nixtieq li fl-aħħarnett niġbor it-trufijiet tal-ħafna sinjali ta' żminijietna li identifikajt u li nisħaq fuq il-punt ewlieni li, fl-opinjoni tiegħi jikkaratterizza s-soċjetà Maltija li qed tinbena u li se timmatura fil-bidu tas-seklu li jmiss. Kif diġà għedt, *dan hu l-konsumeriżmu li b'diveri modi qed jinvadi tant aspetti differenti tal-ħajja Maltija*, u li naħseb illi d-dħul tagħna fis-suq Ewropew ma jistax ma jsaħħaħx din it-tendenza.

X'inhi l-problema tiegħi bil-konsumeriżmu? Forsi kieku kien Weber li qed janalizza kien itemm il-ħidma tiegħu hawn: għal dan il-kittieb kbir, xogħol is-soċjoloġista jintemm wara li tkun saret id-deskrizzjoni u l-analisi. L-interpretazzjoni jekk tendenzi soċjali kinux 'tajbin' jew 'ħżiena', qal hu – b'ċerta ironija, naħseb – aħjar jitħallew f'idejn il-qassisin u l-politikanti! Però f'dil-ħaġa naqbel ħafna aktar mat-tradizzjoni normattiva ta' Marx. U għalhekk ngħid x'naħseb jien fuq is-soċjetà ta' konsum li qed tinbena.

L-ewwelnett hemm riperkussjonijiet politiċi li, minkejja d-diskors kollu tal-politikant Malti dwar demokrazija, djalogu u parteċipazzjoni, fil-fatt naraw id-demokrazija titttiekel minn ġewwa. Iċ-ċittadin jista' jkollu tliet tipi ta' relazzjonijiet ma' l-istat u ma' l-istituzzjonijiet tal-pajjiż li fih igħix. L-ewwel relazzjoni hi dik li torbtu ma' dawn l-istituzzjonijiet bħala *membru*, fejn għandu sehem u sħubija attiva fl-istituzzjoni li, flimkien ma' membri oħra, imexxi u jikkontrolla. Ċittadin jista' jieħu rwol ta' *klijent*, li għalhekk jittama li jieħu s-servizzi mill-istituzzjonijiet li tradizzjonalment qdewh, basta jagħmel il-kontribuzzjoni żgħira tiegħu. Iċ-ċittadin *konsumatur*, iżda, la għandu l-impenn għall-istituzzjonijiet li għandu ċ-ċittadin membru, u lanqas ir-relazzjoni ta' kuntratt informali li għandu ċ-ċittadin klijent. Iċ-ċittadin konsumatur jivvalorizza biss dik l-istituzzjoni li l-aktar taqdi fil-pront u bl-aħjar mod il-ħtiġiet immedjati tiegħu. Jekk l-istituzzjoni ma taqdihx, imur x'imkien ieħor. Xejn impenn, xejn rabtiet, u l-ebda relazzjoni għajr dik teknokratika, dik li fil-filosofija kritika tissejjaħ *means-ends rationality.*

Fejn iwassalni dan l-argument tiegħi? Iwassalni biex nargumenta ma' Marcuse li l-konsumeriżmu jneżża' lill-bniedem – u liċ-ċittadin Malti – mill-valuri ta' impenn politiku soċjali u jirrendih persuna b'dimensjoni waħda li ssib is-sodisfazzjon tagħha fl-aħħar *gadget* li jesponi s-suq. Iwassalni wkoll biex nargumeta favur dik it-tip ta' razzjonalità emanċipatorja li kultant ħakmet lill-movimenti soċjali li b'impuls utopiku ħadmu favur dinja fejn ir-relazzjonijiet soċjali jiffavorixxu l-ugwaljanza, l-umanità u l-ġustizzja, u fejn l-iżvilupp ta' l-individwi jġib 'il quddiem ukoll il-kollettività soċjali. Dan l-impuls utopiku fejn il-valuri u mhux ir-razzjonalità teknokratika jieħdu preċedenza nsibuh f'movimenti ekoloġisti, fil-feministi, fil-paċifisti, f'xi għaqdiet tal-ħaddiema. Żgur li ma nsibuhx fil-partiti politiċi ewlenin ta' Malta jew fil-Knisja istituzzjonali Maltija ta' llum. □